# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 11 ta' Jannar 2022**

Appell numru 184/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Antoine GALEA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Ġunju 2019 fil-konfront ta' Antoine GALEA detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 32278M li ġie mixli talli:

    i. Nhar it-22 ta' Jannar 2012, għall-ħabta tas-19.15 ta' wara nofs in-nhar minn ġewwa r-residenza numru 42, Triq Il-Palma, Raħal Ġdid, flimkien ma' persuna oħra, ikkometta serq ta' oġġetti u flus liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi l-Ewro 232.94 iżda jeċċedi Ewro 2,329.37 bil-hin u bil-lok u dan għad-detriment ta' Stella Vella, mara anzjana ta' 82 sena minn Raħal il-Ġdid;

    ii. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Stella Vella, anzjana 82 sena kontra l-volonta' tagħha, liema persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna tagħha u mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bi ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex persuna oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

iii. U nakkużawh ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datati 28 ta' Mejju 2011 u t-22 ta' Ġunju 2011;

iv. U nakkużawh ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ta' Malta, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata l-24 ta' Ottubru 2011;

v. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Zammit LL.D. nhar il-3 ta' Awwissu 2010, f'dan li ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt garanzija personali ta' Ewro 1000 fost il-kundizzjonijiet oħra kif ordnat mill-Qorti u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

vi. Nakkużawh ukoll talli huwa sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet li :

(a) filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni parti tat-tieni imputazzjoni (u cioe' fejn issir referenza għaċ-ċirkostanzi aggravanti),

(b) ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni u tas-sitt imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu; u ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni fejn issir referenza għas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2011 u b'hekk tilliberah mill-ħames u mis-sitt imputazzjoni msemmija u minn dik il-parti tat-tielet imputazzjoni fejn issir referenza għat-28 ta' Mejju 2011; u

(c) ssib lill-imputat Antoine Galea ħati :

i. tal-ewwel imputazzjoni (inkluż il-kwalifiki hemm imsemmija);

ii. tal-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni (fejn issir referenza għall-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

iii. ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni fejn issir referenza għas-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2011; u

iv. tar-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu

(d) u tikkundannah għal perijodu kumplessiv ta' erbgħin xahar priġunerija;

(e) u ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati Galea sabiex fi żmien sena mid-data tas-sentenza jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri u cioe' s-somma ta' Ewro 1072.03.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant appella minn din is-sentenza, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena u f'każ biss illi din il-Qorti tkun tal-fehma li għandha tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant, tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta illi tirrispjekka l-fatti tal-każ odjern u dan wara li stqarr is-segwenti:
   i. Sajmezza tal-provi u għalhekk l-akkużi ma ġewx ippruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Filwaqt li prova ċirkostanzjali waħda biss hija biżżejjed biex twassal lill-Qorti għall-konklużjoni ta' ħtija o meno, pero' sta għal min jiġġudika li jagħraf kemm b'dik il-prova ċirkostanzjali li għandu jistax jasal sal-grad ta' ċertezza morali, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni għall-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija f'kamp penali. L-unika prova li straħet fuqha l-Qorti kienet il-profil ġenetiku illi rriżulta ta' dak misjub fuq il-kalzetta (li nstabet fuq waħda mill-iskali tas-sellum) kien jaqbel ma' dak tal-appellant. Tali prova waħidha biss meta wieħed iżomm f'moħħu li l-malviventi kienu daħlu fuq il-post fejn seħħet is-serqa minn ġewwa post ieħor, illi ġewwa kienu qedin isiru xi xogħlijiet ta' kostruzzjoni u kien hemm diversi ħaddiema jaħdmu, ftit li xejn tista' tissussisti bħala prova ċirkostanzjali unika li ma tħalli ebda dubju ta' ħtija fl-appellant. Jeżistu diversi lakuni li fil-kamp penali ma jħallu l-ebda alternattiva hlief dik tal-liberatorja minn kull imputazzjoni hekk kif dedotta.
   ii. Piena eċċessiva: il-fedina penali tal-appellant hija waħda kważi netta u żgur ma jistax jingħad li huwa ta' karattru refrattarju. Tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-piena hija waħda eċċessiva. Persuna li żbaljat għandha tingħata ċans.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta'

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

---

Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha,

jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li</u>**

---

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.[9]**
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi

---

[9] Emfasi ta' din il-Qorti.

[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel irrapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta’ xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t’Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart

from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet

għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

29. Illi nhar it-22 ta' Jannar 2012, il-Pulizija fl-Għassa ta' Raħal Ġdid daħlilhom rapport li kienet seħħet serqa f'residenza numru 42 Triq Il-Palm, Raħal Ġdid f'liema residenza kienet tirrisjedi anzjana ta' tnejn u tmenin sena, Stella Vella. Il-Pulizija marru fuq il-post sabiex jagħmlu l-investigazzjonijiet preliminari tagħhom u talbu anki l-ftuħ ta' Inkjesta Maġisterjali. Hemmhekk sabu mara anzjana li rriżulta li kienet Stella Vella, li kienet qiegħda tbgħati minn xokk qawwi u ċemplu għall-assistenza medika. Din irrakontatilhom li għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' fil-għaxija, hekk kif kienet bilqegħda tara t-televiżjoni fuq il-pultruna fis-sular ta' isfel tad-dar tagħha, semgħet ħoss qawwi ġej mill-bieb tal-bitħa tagħha li kienet tinsab fl-istess sular. Mill-ewwel daħlu żewġt irġiel fuqha fejn filwaqt li wieħed minnhom baqa' tiela' fis-sular ta' fuq, l-ieħor mar fuq l-anzjana u żammha ssekwestrata sakemm l-ieħor baqa' jfittex u jqalleb fis-sular ta' fuq.

30. Stella Vella rrakontat lill-Pulizija li dan ir-raġel li żammha kien mgħammad billi kien liebes kalzetta fuq wiċċu u kellu wkoll ingwanta tas-suf f'idejh. Dan ħareġ ħabel biex jorbotha iżda fuq insistenza tal-anzjana, fejn tkarbitlu sabiex ma jweġġahiex u ma jorbothiex għaliex kienet għadha ħierġa mill-isptar, huwa ma rabathiex iżda żamm idu ma' halqha u heddidha b'sikkina. F'ħin minnhom dan tal-aħħar ukoll tela' fis-sular ta' fuq u l-anzjana tħarrket tiġġebbed għat-telefon sabiex tikkuntatja lil xi ħadd iżda dan kien pront niżel u qaċtilha l-linja tat-telefon minn mal-ħajt filwaqt li reġa' heddidha.

31. Hekk kif lestew iqalbu u sabu li riedu, reġgħu ħarġu 'l barra mir-residenza mill-istess post minn fejn huma kienu daħlu u cioe' mill-bitħa ta' din ir-residenza. Infatti, mill-ewwel osservazzjonijiet li setgħu jagħmlu l-Pulizija fuq il-post sabu sellum fil-bitħa tal-anzjana u fuq skaluna n-naħa ta' fuq tiegħu kien hemm kalzetta ta' kulur il-

laħam. Il-Pulizija nnutaw ukoll li f'din l-istess bitħa kien hemm turnavit bil-manku iswed imdaħħal f'qasrija. Fuq il-post waslu wkoll l-esperti forensiċi maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti li ssiġillaw din l-evidenza u ħaduha magħhom għall-analiżi forensika. Il-Pulizija identifikaw li s-sellum li kien fil-bitħa tal-anzjana kien ittieħed minn sit ta' kostruzzjoni li jinsab f'numru 38, Triq Sammat, Raġal Ġdid u cioe' minn residenza li tmiss fuq in-naħa ta' wara mal-bitħa tal-anzjana u li fiha kien qiegħed isir xi xogħol ta' kostruzzjoni.

32. Il-Pulizija daħlitilha informazzjoni li l-malviventi kienu ċertu Antoine Galea u Aaron Axisa u għalhekk komplew bl-investigazzjonijiet tagħhom. Nhar it-28 ta' Frar 2012, waqt seduta li saret quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ittieħed kampjun tad-DNA mingħand Antoine Galea u Aaron Axisa sabiex jiġu eżaminati mill-esperta Dr. Marisa Cassar li ġiet maħtura fl-Inkjesta Maġisterjali. Mill-eżami komparattiv tad-DNA bejn dak li ttieħed minn ħalq is-suspettati Galea u Axisa u l-profil ġenetiku li ħareġ minn fuq il-kalzetta li nstabet fuq l-iskaluna tal-imsemmi sellum, Dr. Marisa Cassar irriskontrat li l-profil ġenetiku misjub fuq il-kalzetta kien jaqbel ma' dak tas-suspettat Antoine Galea. Fuq bażi ta' dawn ir-riżultanzi, il-Pulizija mexxew kontra Antoine Galea u bdew il-proċeduri kriminali li wasslu għal dan l-appell.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni (inkluż tal-kwalifiki hemm imsemmija) u tal-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni (fejn issir referenza għall-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali) miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant**

**Ikkunsidrat**

33. L-appellant jargumenta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt legalment u raġonevolment tasal għad-deċiżjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu u dan għaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova b'ċertezza morali li kien l-appellant li wettaq dawn ir-reati. L-appellant jikkontesta l-prova tad-DNA li nstabet fuq il-kalzetta bħala prova ċirkostanzjali b'saħħitha għaliex skont hu ma tippontax f'direzzjoni unika u ma tpinġix stampa inekwivoka tal-kolpevolezza tal-appellant f'sitwazzjoni fejn fost oħrajn, il-kalzetta nstabet fuq

sellum li ma kienx tal-appellant u li tali sellum ittieħed minn post li kien aċċessibbli għal diversi ħaddiema f'sit tal-kostruzzjoni.

34. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant donnu ma jikkontestax il-fatt li f'dan il-każ kienet saret serqa ta' flejjes u deheb ta' valur kwalifikat, wara nżul ix-xemx, minn dar ta' residenza, ta' persuna anzjana li kienet sfat mhedda u liema serqa kienet magħmula bi żgass. L-appellant jikkontesta l-provi prodotti f'dan il-każ fis-sens li ma kienux jippruvaw sal-livell ta' ċertezza meħtieġ mill-Liġi li kienu hu l-ħalliel.

35. Qabel xejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li mix-xiehda tal-vitma anzjana Stella Vella kien ippruvat b'sikurezza, li dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012, għall-ħabta tas-1915 hija kienet sfat vitma ta' serqa, magħmula minn (tal-anqas) tnejn minn nies minn ġewwa r-residenza numru 42, Triq Il-Palma, Raħal Ġdid, u li minn din is-serqa kienu insterqulha deheb u flejjes li kien jammontaw għal madwar tliet elef Liri Maltin (Lm3000) ekwivalenti għal ċirca sitt elef disa mija u disgħin euro (€6,990).

36. Mix-xiehda ta' Stella Vella jirriżulta li waqt li kienet qegħda ssir din is-serqa, wieħed mill-malviventi kien qabadha – iġifieri żammha – u fl-istess waqt għamel idejh ma' ħalqha u heddidha billi qallha li jekk tgħajjat huwa kellu sikkina. Dan id-diskors ftit iħalli għall-immaġinazzjoni. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li dan id-diskors kien theddida li twassal ukoll biex tikkwalifika din is-serqa bil-vjolenza fit-termini tal-artikolu 262(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

37. Jirriżulta wkoll li dik is-serqa kienet ikkwalifikata bil-mezz, ossija bi żgass. Il-provi f'paġna 13 tal-Proces Verbal fejn hemm ix-xhieda tal-anzjana Vella quddiem l-espert tekniku maħtur fl-inkjesta, il-Perit Richard Aquilina, juru li din qalet kif dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012, il-malviventi daħlu ġewwa r-residenza tagħha minn **ġewwa l-bitħa tar-residenza tagħha** u tgħid li dan tafu għaliex hija semgħet ħoss qawwi ġej minn hemmhekk. Hija tgħid ukoll li mbagħad huma **reġgħu telqu minn fejn kienu daħlu** u ċjoe' mill-bitħa tagħha.

38. Dan tixhdu wkoll fil-mori tal-kumpilazzjoni fejn f'paġna 24 tax-xhieda tagħha, l-anzjana tgħid hekk:

Xhud: Iva kien il-Ħadd fis-sebgħa (7:00) ta' filgħaxija. Jiena kont hekk fuq il-pultruna qeda nara t-television għax jien waħdi nkun u kif qiegħda

bilqegħda hekk jiena kelli l-bieb tal-bitħa marbut bil-ħabel għax kont nibża norqod bil-bieb...
Qorti: tal-alluminju?
Xhud: Tal-alluminju fuq il-ħġieġ u jiena kont norbtu. Kif qed nara t-television hekk nisma blumm il-bieb tal-bitħa u qaċċat il-ħabel u fetaħ il-bieb tal-bitħa. Wieħed ġie jiġri fuqi, l-ieħor tela' jiġri fuq bil-kalzetta ġo rasu.
.../..
Pros: Minn fejn ħarġu mbagħad?
Xhud: Mill-bitħa ħarġu, mill-bitħa, kellhom sellum ħaduh minn ta' warajja għax kien hemm il-ħaddiema.

39. F'paġna 27 tax-xhieda tagħha hija tikkonferma għal darba oħra li l-malviventi **ma kinux daħlulha mill-bieb ta' barra** iżda mill-bitħa tar-residenza tagħha. L-anzjana tixhed ukoll li dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012, ftit qabel is-serqa, kellha xi familjari li ġew iżuruha iżda tgħid li hekk kif dawn telqu hija marret **tagħlaq il-bieb ta' barra warajhom u għalqitu bil-firrolli u s-serratizz**:

Pros: Issa wara li telqu inti kif sakkart il-bieb?
Xhud: Għax imbagħad ħarġet it-tifla t'oħti marret id-dar qaltli: Zi issa għalaq tħallix miftuħ għax ma hawn ħadd barra. Għidtilha: Le se nagħlaq jiena. Għalaqt bil-firrolli, kelli sarratizz għamiltu mal-bieb u mbagħad daqshekk.

40. Il-fatt li l-bieb ta' barra kien magħluq jikkonfermawh ukoll il-Pulizija li marru fuq il-post dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012 wara li daħlilhom ir-rapport. Dan jixhed dwaru l-Ispettur Keith Arnaud f'paġna 31 tax-xhieda tiegħu u jispjega kif meta vverifikaw dak li kienet qalitlhom l-anzjana, huwa minnu li ma kienu sabu **l-ebda sinjal ta' sgass fuq il-bieb ta' barra u li kien magħluq bl-istanga**. L-Ispettur ikompli jixhed li nnutaw li l-bieb ta' barra kellu sinjali ta' sgass liema ħsara kienet saret b'rabta ma' tentattiv ta' serq minn din l-istess residenza li kienet irraportat l-anzjana żmien qabel it-22 ta' Jannar 2012 u dan tikkonfermah ukoll il-vittma fix-xhieda tagħha f'paġna 28:

Pros: Il-bieb ta' barra ma sibtlux problemi fih?
Xhud: Mibrux.
Pros: Imma dakinhar inbaraxx il-bieb jew kien hemm diġa l-brix qabel?
Xhud: Le meta ħriġt mill-isptar jiena.

41. Għaldaqstant, mill-provi prodotti jirriżulta ampjament li **l-aċċess għal ġewwa r-residenza tal-anzjana ma sar minn imkien iktar għajr ħlief mill-bieb tal-bitħa** u li allura ma jeżisti ebda dubju raġonevoli dwar il-fatt li l-malviventi daħlu mill-bitħa ta' din ir-residenza.

42. Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li **l-bitħa tal-imsemmija residenza tal-anzjana tmiss fuq in-naħa ta' wara ma' fond numru 38 Triq Sammat, Raħal Ġdid li fiż-żmien it-twettiq tas-serqa kien battal għaliex fih kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet ta' kostruzzjoni**. Dan tikkonfermah ukoll sidt l-imsemmi fond, Desiree Caplan, fejn f'paġna 114 tax-xiehda tagħha tgħid li fiż-żmien tas-serqa, kien qiegħed isir xi xogħol ta' kostruzzjoni u ristrutturazzjoni wara kien waqa' s-saqaf ta' dik id-dar.

43. F'dan ir-rigward, l-espert tekniku Richard Aquilina ħejja pjanta fejn f'paġna 14 tar-rapport tiegħu jirrelata kif il-ħajt tal-bitħa tar-residenza tal-anzjana huwa għoli tnax-il filata w nofs u **jmiss preċiżament mal-ħajt tal-bitħa tal-fond numru 38 Triq Sammat, Raħal Ġdid**. Anki l-Uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post ikkonstataw kif ir-residenza tal-anzjana tmiss fuq in-naħa ta' wara ma' din id-dar fejn kienu qiegħdin isiru x-xogħlijiet. L-Ispettur Keith Arnaud f'paġna 32 tax-xiehda tiegħu jgħid hekk:

> Il-bini ta' wara u anke tal-ġnub għalkemm hemm xi bini li huwa bejn wieħed u ieħor ftit filati għola minn tad-dar tas-sinjura pero' nnutajna li l-bini eżatt ta' wara jidher qed isir xi xogħol ta' construction ġewwa u kieku minn wieħed xi ħadd għandu jkun ġo fih faċilment il-mod li qiegħed il-bini hemm minn innifsu ġie qisu taraġ biex mill-post ta' wara tgħaddi fuq iċ-ċint li jgħaqqad iż-żewġ postijiet ma' xulxin u jekk timxi minnhom qegħdin nitkelmu bejn wieħed u ieħor ċint tul ta' żewġ metri jew tlieta jekk timxi minnu tiġi eżatt fuq iċ-ċint tal-bitħa tas-sinjura. Il-bitħa tas-sinjura kullma hija għolja qegħdin nitkelmu qisu sular, mhux iktar minn sular ħajt tagħha.

44. Ikompli jixhed kif huwa flimkien mal-Ispettur Jurgen Vella u l-Uffiċjali tal-Pulizija PS 435 David D'Amato u WPS 167 Justine Grech marru jkomplu bl-investigazzjoni tagħhom ġewwa d-dar numru 38 fi Triq Sammat fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet u setgħu jinnutaw kif **l-aċċess għal dan il-fond kien wieħed faċli hekk kif il-bieb ta' barra kien tal-injam u kien qiegħed fuq purtella li jekk wieħed idaħħal idejh faċilment seta' jdawwar is-serratura u jaċċedi għal ġewwa**.

45. Dwar l-aċċess għal ġewwa l-fond numru 38 u dwar kif dan tal-aħħar deher li seta' serva sabiex il-malviventi jeċċedu għal ġewwa r-residenza tal-anzjana, f'paġna 32 tax-xhieda tiegħu, l-Ispettur Keith Arnaud jgħid hekk:

> Jiena u l-Ispettur Vella li konna flimkien fuq il-post dorna t-triq ta' wara li tiġi Triq Sammat Raħal Il-Ġdid u kkonfermajna li dan il-post li qed isir ix-xogħol fih u li jmiss ma' dak ta' wara tad-dar tal-anzjana għandu n-numru 38. **Fil-**

**fatt il-bieb huwa tal-injam li għandu qisu bħal persjana li jekk timbotta l-persjana ddaħħal idejk u tiftaħ il-lock.**[11] Fil-fatt dan sibnieh imbexxaq, infetaħ il-lock easy, dħalna fuq il-post u tlajna wkoll fis-sular ta' fuq li fil-fatt minn hemmhekk ħadt anke jien xi ritratti personalment u li anke waqt l-interrogazzjoni irreferejthom lill-imputat u ħa nesebihom fis-seduta li jmiss biex nispjega dan kollu. **Kif tlajna fis-sular ta' fuq ġejna fil-post li rajna mad-dar tal-anzjana, nnutajna faċilment stajna ngħaddu easy u wieħed seta' jgħaddi jiġi fuq iċ-ċint tal-anzjana.**[12]

46. F'paġna 47 tax-xiehda tiegħu l-Ispettur Jurgen Vella jgħid kif huma setgħu josservaw li r-residenza numru 38, Triq Sammat, Paola, kellha l-bitħa li tiġi eżatt fuq in-naħa ta' wara tal-bitħa tal-anzjana Vella u kulma kien hemm jisseparaw dawn il-btieħi kien ħajt ta' ftit filati.

47. Dwar il-faċilita' li wieħed jaċċessa l-fond numru 38 fi żmien tat-twettiq tas-serqa, tixhed anki sidt il-post, Desiree Caplan, fejn f'paġna 115 tax-xiehda tagħha tgħid hekk:

Pros: Kien jissakkar il-bieb? Jiġifieri kont tgħalqu jew ma kellekx bieb għar-residenza?
Xhud: Kelli bieb pero' ma kienx minn dawn-kien qisu li min ikun wise jista' jidħol, qed tifhem, ikunu jafu kif għandhom jiftħu l-purtella.

48. **Għalhekk, b'żieda mal-fatt ippruvat li l-malviventi aċċedew għar-residenza tal-anzjana minn ġewwa l-bitħa tal-istess residenza, din il-Qorti tqis li jirriżulta wkoll ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li l-bitħa tar-residenza numru 38 Triq Sammat li fiha kien qiegħed isir xi xogħol ta' kostruzzjoni, <u>tmiss mal-bitħa tar-residenza tal-anzjana</u> numru 42, Triq Il-Palma u <u>li l-malviventi aċċeddew għall-fond fejn twettqet is-serqa minn ġewwa l-fond numru 38.</u>**

49. Mix-xogħol investigattiv imwettaq mill-Pulizija rriżulta wkoll li fil-bitħa tal-anzjana instab **<u>sellum</u>** u fuq skaluna lejn in-naħa ta' fuq tiegħu nstabet **<u>kalzetta.</u>** Mir-ritratt esebit a fol. 56 et seq. tal-Process Verbal tidher li kienet tat-tip tights (mhux ċar jekk hix biċċa minn tights jew kollu kemm hu) ta' kulur il-ġilda. L-ewwel darba li ssemmiet kalzetta kienet meta Stella Vella stqarret mal-Pulizija kif il-malvivent li żammha ssekwestrata kien liebes kalzetta f'wiċċu **qishom minn dawn tat-tights**:

[11] Emfasi ta' din il-Qorti.
[12] Emfasi ta' din il-Qorti.

Pros: X'tip ta' kalzetta kienet trasparenti, tas-suf, ipprova ftakar jekk jogħgbok?
**Xhud: Qishom minn dawn tat-tights.**
**Qorti: Minn dawk li nilbsu aħna n-nisa?**
**Xhud: Minn dawk li nilbsu aħna iva,**[13] l-bqija ma nafx iktar, lil ieħor ma rajtux għax niżel jiġri. Niżel jiġri 'l ieħor, ħarġu, imbagħad 'l ieħor x'ħin rah mar warajh u telqu.

50. Meta l-ewwel Pulizija li waslu fuq il-post kelmu lill-anzjana, hija mill-ewwel qaltilhom li l-malviventi kienu mgħammda u li dak li kien qed iżommha arrestata kellu kalzetta f'wiċċu. Il-Pulizija ħarġu fil-bitħa mnejn hija kienet qaltilhom li daħlu fuqha l-malviventi. Fil-bitħa raw sellum. Fuq skaluna lejn in-naħa ta' fuq tiegħu, instabet kalzetta. Stella Vella tixhed li dan is-sellum ma kienx tagħha.

51. Dan il-fatt jikkonfermah ukoll il-kuntrattur Jason Bonavia li ġie mqabbad sabiex jagħmel ix-xogħlijiet f'38, Triq Sammat, Paola fejn f'fol 95 jixhed hekk dwar is-sellum li nstab fil-bitħa tal-anzjana:

Xhud: Dana konna għamilna l-aħħar xogħol hemmhekk f'Diċembru mbagħad f'Jannar erġajna morna nsomma bgħatt in-nies hemmhekk jien normali biex ikomplu x-xogħol u ċempilli wieħed mill-impjegati qalli isma għandna problema qalli **għax hawn is-sellun għand in-nies ta' warajna u jiena mort hemmhekk rajt is-sellun hemmhekk.**[14]
Pros: Hemmhekk fejn rajtu inti?
Xhud: Fil-bitħa ta' warajna.
Pros:Imma minn fejn dħalt inti, dħalt tittawwal mill-post 38?
Xhud: Mill-post tagħna fejn konna qed naħdmu.

52. Minn dawn il-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-Prosekuzzjoni ippruvat sal-livell tas-sikurezza legali li:

i) Nhar it-22 ta' Jannar 2012 għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija seħħet serqa mill-fond numru 42 Triq Palma Raħal Ġdid minn żewġ malviventi waqt li fih kien hemm anzjana ta' tnejn u tmenin sena;
ii) Il-malviventi ma wżawx il-bieb ta' barra tal-fond numru 42, Triq Il-Palma, Paola sabiex jaċċedu ġewwa l-fond;
iii) Il-brix u sinjali ta' sgass li kellu l-bieb prinċipali ta' din ir-residenza kienu ġew magħmula ġranet qabel u mhux dakinhar tas-serqa;
iv) Li l-bieb prinċipali tar-residenza kien infatti misjub magħluq fuq il-firrolli u bl-istanga meta marru l-uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post;

[13] Emfasi ta' din il-Qorti.
[14] Emfasi ta' din il-Qorti.

v) Li l-malviventi aċċedew għall-fond numru 38 Triq Sammat minn bieb tal-injam magħluq b'purtella b'mod tali li wieħed seta' faċilment idaħħal idejh u jiftaħ is-serratura ta' dan il-fond;
vi) Il-malviventi daħlu mill-bitħa tar-residenza numru 38 fi Triq Sammat, Paola għall-bitħa tar-residenza tal-anzjana numru 42, Triq Palma, f'Raħal Il-Ġdid u dan għaliex iż-żewġt ibtieħi kienu jmissu ma' xulxin u kienu mifrudin biss b'ħajt diviżorju ta' ftit filati;
vii) Li s-sellum li nstab fil-bitħa tar-residenza tal-anzjana ma kienx tal-anzjana Vella iżda kien tal-kuntrattur Bonavia li rreklama s-sellum misjub fil-bitħa tar-residenza tal-anzjana bħala tiegħu u li kienu qegħdin jużaw il-ħaddiema tiegħu b'rabta ma' xi xogħol ta' kostruzzjoni li kien qiegħed isir f'fond numru 38, Triq Sammat Paola;
viii) Li l-malviventi li daħlu fil-fond kienu tnejn u li wieħed tela' fuq u l-ieħor baqa' isfel iżomm lill-anzjana u li dak li qagħad isfel iżomm lill-anzjana kien liebes tights fuq wiċċu, intiż bħala balaklava tat-tip tights bħal dawk li jilbsu n-nisa;
ix) Li tights bħal dak li l-anzjana ddeskriviet li kien liebes il-malvivent ġie misjub mill-Pulizija fuq l-aħħar skaluni tal-sellum li nstab fil-bitħa tar-residenza fejn seħħet is-serqa;
x) Li l-aħħar li kien sar xi xogħol fis-sit ta' kostruzzjoni biswit ir-residenza tad-derubata kien f'Diċembru. Meta mbagħad il-ħaddiema marru lura f'Jannar sabiex ikomplu bix-xogħlijiet sabu li s-sellum ma kienx għadu hemm. Kien għalhekk li l-ħaddiema ċemplu lill-imgħallem Bonavia dwar dan u meta dan niżel fuq il-post sab is-sellum fil-bitħa tal-anzjana. Għalhekk, dan ifisser li l-aħħar li s-sellum intmiss mill-ħaddiema kien f'Diċembru u sa dakinhar tas-serqa ma kienx għadu ntuża mill-ħaddiema; **u allura**
xi) Is-sellum li nstab fil-bitħa tal-anzjana ntuża mill-istess malviventi biex jaċċedu mill-bitħa tal-fond fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet (u li allura fejn kien qiegħed jintuża dan is-sellum) għall-bitħa tal-anzjana f'numru 42 Triq il-Palma, Raħal Il-Ġdid.

53. Mix-xiehda ta' Stella Vella jirriżulta wkoll li l-valur tal-flus u deħeb misruq lilha kien jammonta għal ċirka tliet elef Liri Maltin (Lm3000) ekwivalenti għal ċirka sitt elef, disa' mija u disgħin euro (€6,990). Ifisser għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet ukoll, in bażi għal din ix-xiehda tqis li din is-serqa kienet kwalifikata bil-valur.

54. Ftit hemm x'jingħad dwar il-kwalifika tal-ħin, in kwantu Stella Vella tikkonferma wkoll li din is-serqa seħħet għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija fix-xahar ta' Jannar, żmien fejn evidentement ix-

xemx tkun ilha li niżlet. Mix-xiehda ta' WPS167 Justine Grech jirriżulta wkoll li d-denunzja tar-reat seħħet nhar it-22 ta' Jannar 2012 għall-ħabta tal-7.45pm meta l-Pulizija ġewwa l-Għassa ta' Raħal Ġdid irċevew telefonata mill-Control Room li kienet saret serqa f'residenza 42, Triq Il-Palma, Raħal Ġdid. Il-Pulizija marret immedjatament fuq il-post fejn tkellmet ma' Stella Vella. Din is-serqa għalhekk hija kwalifikata wkoll bil-ħin.

55. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll mix-xiehda tal-istess Stella Vella; mill-konstatazzjonijiet li għamlu l-Uffiċjali tal-Pulizija involuti; u mill-espert tekniku Aquilina : li Stella Vella kienet ġiet misruqa mid-dar tar-residenza tagħha u b'hekk jirriżulta wkoll li l-kwalifika tal-lok kienet soddisfaċentement ippruvata b'sikurezza legali.

**Ikkunsidrat**

56. Stabbilit li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha provi biżżejjed ċerti sabiex legalment u raġonevolment setgħet tikkonkludi li s-serqa ta' Stella Vella kienet kwalifikata bil-vjolenza, mezz, valur li anke jaqbeż l-elfejn, tliet mija disa' u għoxrin euro disgħa u għoxrin ċenteżmu, bil-ħin u bil-lok, din il-Qorti trid, anke fid-dawl tal-ewwel aggravju mressaq mill-appellant tara jekk kienx hemm dik ir-rabta ċerta bejn din is-serqa kwalifikata u l-appellant bħala wieħed mill-ħallelin li serqu lil Stella Vella f'dan il-każ.

57. Ġie pruvat li nstabet kalzetta mwaħla mas-sellum li ġie wżat mill-malviventi biex setgħu jinżlu fil-bitħa tar-residenza tal-vitma f'dan il-każ u b'hekk ikunu jistgħu jiżgassaw il-bieb tal-bitħa u jakkwistaw aċċess fir-residenza ta' Stella Vella. L-istess Vella xehdet li l-malviventi, almenu dak li kien qabadha u għamel idu ma wiċċha kien liebes kalzetta minn dawk li jilbsu n-nisa. Skont l-Ispettur Jurgen Vella din kienet kulur beige. Is-Surġent 167 Grech tgħid li meta kelmet lil Stella Vella dwar il-kalzetta li kellu f'rasu dak il-ħalliel li kien qiegħed iżommha, Grech tgħid li Vella qaltilha li din il-kalzetta kienet kulur il-laħam. Naturalment din l-istqarrija tas-Surġent Grech trid tittieħed fid-dawl tar-regola dwar il-"hearsay evidence" spjegata aktar il-fuq.

58. Minn eżamijiet forensiċi li saru mill-esperta Dr. Marisa Cassar jirriżulta li, il-profil ġenetiku maskili li nstab fuq it-tights li nstab fuq is-sellum li a sua volta nstab fil-bitħa tar-residenza tal-anzjana, **<u>kien</u>**

**jikkorispondi ma' dak tal-appellant**. Din l-evidenza xjentifika ftit tħalli dubju.

59. Din l-evidenza meħudha flimkien mal-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq iwaslu għall-konklużjoni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha xenarju ta' provi li jpinġu **stampa ċara u inekwivoka u li tipponta għall-istess konklużjoni** li hija dik li dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012:

i) Dak li kien qiegħed iżomm lill-anzjana milli tgħajjat u li saħansitra żamm idu ma' halqha sabiex hija ma tkunx tista' tgħajjat waqt li l-kompliċi tiegħu kien qiegħed jisraq l-affarijet mis-sular ta' fuq tar-residenza kien liebes kalzetta f'rasu;

ii) WPS Grech semgħet lil vitma tgħid li din il-kalzetta kienet kulur il-laħam;

iii) Instab tights fuq is-sellum li kien fil-bitħa u li bih il-malviventi niżlu fil-bitħa tar-residenza tal-vitma biex ikunu jistgħu jaċċedu fir-residenza biex jisirqu lil vitma;

iv) It-tights misjub fuq is-sellum fil-bitħa tal-vitma kellu traċċi ġenetiċi jaqblu ma' tal-appellant.

60. L-appellant jistaqsi jekk setgħetx dik il-kalzetta partikolari li nstabet fuq l-iskaluna tpoġġietx hemmhekk minn ħaddieħor u jistaqsi għalfejn il-Pulizija qatt ma ndagat lill-ħaddiema tas-sit tal-kostruzzjoni. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument tal-appellant għaliex jirriżulta ampjament li l-Prosekuzzjoni ppruvat żewġ fatturi li jassikuraw li l-evidenza miġbura kienet intatta u ma ġietx mittiefsa. L-Uffiċjali tal-Pulizija kollha jixhdu li marru fuq il-post tas-serqa **tempestivament** malli daħlitilhom id-denunzja li ġiet misruqa l-vitma anzjana. Stella Vella rraportat l-akkadut malli l-malviventi ħarbu minn fuq il-post.

61. Stella Vella stess tirrakkonta kif il-malvivent li kien qiegħed iżommha kien liebes tigħts minn dawk li jilbsu n-nisa. Mill-banda l-oħra din il-Qorti tqis inverosimili t-teżi tad-Difiża li dawn it-tights setgħu tqegħdu minn terzi, bħal ħaddiema li kienu qed jużaw dak is-sellum. Dil-Qorti tqis inverosimili li l-ħaddiema fil-kostruzzjoni jkunu daqstant delikati li jilbsu jew jużaw tights tan-nisa fuq il-lant tax-xogħol tagħhom..

62. L-Uffiċjali tal-Pulizija jixhdu fuq kif dil-kalzetta **qatt ma tmisset minn ħadd** u li ġiet ippreservata sakemm ittieħdet minn fuq il-post għall-eżamijiet forensiċi mill-esperta Dr. Marisa Cassar. In oltre, kif diġa ngħad, ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kienu ilhom wieqfa fis-sit

minn Diċembru. Meta l-ħaddiema ġew biex jużaw dan is-sellum huma sabuh li kien fil-bitħa tar-residenza tal-anzjana. Dan ukoll jindika li l-malviventi kienu wżaw dan is-sellum li fuqu nstabet din il-kalzetta **qabel** ma l-ħaddiema komplew bix-xogħlijiet li kienu ilhom weqfin minn Diċembru. Il-fatt li dawn il-ħaddiema ma xehdux ma jbiddilx l-inekwivoċita' ta' din l-evidenza.

63. Din il-Qorti tosserva li l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi, b'mod inekwivoku, jippontaw lejn direzzjoni waħda, imsejsa wkoll fuq l-insenjament naxxenti mill-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri**[15] u cjoe' li l-prova tal-profil ġenetiku tal-appellant meħud flimkien maċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ tammonta għal dik il-prova li tkun tfisser biss u xejn aktar għajr li GALEA huwa ħati ta' dawk ir-reati addebitati lilu fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni (fejn issir referenza għall-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali).

64. Isib ukoll applikazzjoni l-insenjament tal-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** fejn ntqal is-segwenti:

> **Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova**[16] u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[17]

65. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li in kwantu għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni (fejn issir referenza għall-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali), il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għall-imsemmija reati.

---

[15] Supra citat.
[16] Emfasi ta' din il-Qorti.
[17] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni fejn issir referenza għas-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2011 u tar-raba' imputazzjoni.**

66. Għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, din il-Qorti trid tara jekk, in bażi għall-provi li kellha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) quddiemha hija setgħetx, legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni biex b'hekk titratta miegħu fit-termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti, wara li qieset il-provi li nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tqis li dik il-Qorti ma setgħetx li ssib lill-appellant ħati ta' dik l-imputazzjoni peress li wieħed mir-rekwiżiti meħtieġa sabiex tali imputazzjoni setgħet titqies integrata ma ġiex soddisfaċentement ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

67. Għalkemm fil-proċess jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irċeviet kopja awtentika tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) mmarkata bħala Dok KA 7 preseduta mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2011 kif ukoll li a fol. 83 d-difiża kienet eżentat li ssir il-prova tal-identita' tal-imputat, mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ ma kellhiex biżżejjed provi biex tkun tista' wkoll tikkonkludi li dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta' Ġunju 2011 **kienet sentenza finali u definittiva b'mod li kienet tagħmel stat kontra l-appellant**. Meta Qorti tiġi biex tiġġudika persuna li wetqet reat matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, dik il-Qorti jrid ikollha l-konfort probatorju sikur li dik is-sentenza ma kienetx appellata; jew jekk kienet appellata is-sentenza kienet ġiet definittivament determinata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza finali jew b'digriet ta' deżerzjoni li jkun finali. Ebda Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tista' tassumi li, għaliex il-Prosekuzzjoni tkun eżebiet sentenza ta' Qorti ta' Prim Istanza dik is-sentenza tkun is-sentenza finali sempliċiment għax il-Prosekuzzjoni tkun preżentat lilha. Huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li minbarra li tipprova l-imputazzjoni relattiva bil-kopja awtentika tas-sentenza kundannatorja, kif ukoll li tipprova l-identita tal-persuna imputata ma dik imsemmija fis-sentenza kundannatorja, tipprova wkoll li dik is-sentenza kundannatorja kienet is-sentenza li tikkostitwixxi ġudikat kontra l-imputat appellant. Din il-prova ma tresqitx f'dan il-każ in kwantu minn imkien ma jirriżulta li dik is-sentenza kienet **res iudicata** kontra l-appellant.

68. Illi in kwantu għall-imputazzjoni numru erbgħa, bl-istess mod din il-Qorti tosserva kif filwaqt li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Prosekuzzjoni eżebiet vera kopja awtentika tas-sentenza datata 24 ta' Ottubru 2011 (Dok. KA9), kif ukoll li d-difiża għal darba oħra eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ssir il-prova tal-identita' tal-imputat (fol. 83), l-atti proċesswali huma nieqsa minn prova li din is-sentenza kienet **res iudicata** kontra l-appellant.

69. B'hekk din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet numru tlieta u erbgħa in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx legalment u raġonevolment korretta li ssib ħtija fuqhom mingħajr il-prova li s-sentenzi rispettivi li tagħat lok għal dawk l-imputazzjonijiet kienu wkoll **res iudicata**.

**L-Aggravju dwar il-piena**

**Ikkunsidrat**

70. F'appell minn piena, huwa paċifiku li l-Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju, jew barra mill-parametri legali jew tkun manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes

with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

71. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

72. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

73. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tqis li l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet fil-parametri legali u la kienet manifestament eċċessiva u lanqas zbaljata fil-prinċipju. In oltre, meta wieħed jikkalkula l-parametri tal-piena li għandha tiġi nflitta fid-dawl tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti li tmur kontra d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal dak li jirrigwarda (biss) is-sejbien ta' ħtija għat-tielet u r-raba' imputazzjoni, sejjer jirriżulta li, il-piena hekk kif imposta ta' **<u>erbgħin xahar ta' priġunerija</u>** xorta waħda taqa' sew fil-parametri legali ai termini tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali.[18] Biss biss il-massimu tal-piena f'dan il-każ setgħa faċilment jitla' għal sitt snin priġunerija – irrispettivament mis-sejbien tal-ħtija o meno tal-appellant fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

[18] Fl-eżerċizzju tagħha għall-komputazzjoni tal-piena din il-Qorti għamlet referenza għan-nota tal-Avukat Ġenerali tar-Rinviju għall-Ġudizzju li tinsab a fol. 144 tal-atti proċesswali u dan in konkomitanza mas-sejbien tal-ħtija kif deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

74. Apparti minn hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha li wasluha timponi dik il-piena f'dan il-każ, liema konsiderazzjonijiet huma ben ġustifikati. Hija l-liġi stess li tikkontempla żieda ħarxa fil-piena meta s-serq ikun kommess fuq persuni anzjani u dan peress li l-Leġislatur irid jipproteġi l-anzjani kontra aggressjonijiet ta' din ix-xorta minn malviventi bla skruplu.

75. Mill-banda l-oħra ġaladarba din il-Qorti ma tistax issib lill-appellant ħati

i. ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni fejn issir referenza għas-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2011; u
ii. tar-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu,

hija kostretta li tnaqqas il-piena in kwantu din kienet ingħatat b'mod komplessiv.

# Deċide

Konsegwentement, din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Antoine GALEA in parti billi tħassar is-sentenza appellata **biss** f'dik il-parti tagħha fejn sabitu ħati u ikkundannatu għal dik il-parti tat-tielet imputazzjoni fejn issir referenza għas-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2011 u tar-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u piena biss fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, u konsegwentement tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu għall-piena komplessiva ta' erbgħin xahar priġunerija u minflok tikkundannah għal **sitta u tletin xahar priġunerija**.

Altrimenti, safejn mhux mibdula b'din is-sentenza, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**